# IN-NOM ASTRATT, IN-NOM TAL-AĠENT U N-NOM TAL-PAZJENT



Nomi Mnisslin

Sa Ann Marie Schembri
Skola St Joseph, Tas-Sliema

# Xi jgħid il-Malti?

- L-indafa oħt il-qdusija.
- Il-giddieb għomru qasir.
- Il-bejjiegħ kontra x-xerrej.
- Il-miktub mhux mitluf.
- Il-misluf mitluf.



Taf xi jfissru dawn il-qwiel?

Tagħraf in-nomi minn dawn is-sentenzi?

# F’dawn il-qwiel hemm bosta nomi

- indafa, qdusija
- giddieb, bejjiegħ, xerrej
- Il-miktub, il-misluf

Nomi mnisslin li għandhom tifsiriet differenti u li jġorru karatteristiċi differenti.

Sa A. Schembri

# In-Nomi Astratti

- Nomi li juri xi ħaġa li mhix oġġett li tista' tara u tmiss, iżda hija xi ħaġa li tesperjenzaha

| | | |
|---|---|---|
| Eż. | indafa, mard, tfulija | - **stat** |
| | qdusija, qlubija, tjubija | - **karatteristika** |
| | għerf, ħażen, ħbiberija | - **kwalità** |



Sa A. Schembri

# In-Nom tal-Aġent (Nom Partiċipjali)

- Nom li juri persuna skont l-irwol tagħha jew xogħol li tagħmel.
- Min qiegħed jagħmel l-azzjoni.

| | |
|---|---|
| Eż. min jgħallem - | ***għalliem*** |
| min jaqdef - | ***qaddief*** |
| min jigdeb - | ***giddieb*** |
| min ibajjad- | ***bajjad*** |
| min iħit- | ***ħajjat*** |



# Kif jinkiteb in-nom tal-aġent

- In-nom tal-aġent jitnissel minn verb u jġorr fih l-għerq tal-kelma ewlenija.
- Xi ħaġa partikolari fin-nom tal-aġent hija li dan ikollu **konsonanti doppja** fin-nofs.
- **L-aħħar vokali** tan-nom tkun dejjem **twila**.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż. | żifen | żeff**<u>ie</u>**n | (Ż-F-N) |
| | ħadem | ħadd**<u>ie</u>**m | (Ħ-D-M) |
| | beka | bekk**<u>ej</u>** | (B-K-J) |

# In-Nom tal-Aġent

- Jista' jkollna nom tal-Aġent li jitnissel mill-Partiċipju Attiv, jiġifieri minn kelma li turi azzjoni li qed isseħħ waqt il-mument tad-diskors.

Eż. raqad - rieqed

(l-azzjoni tal-irqad qed jagħmilha issa waqt li qed nitkellmu)

***Ir-rieqed* fil-presepju ma jafx li twieled Ġesù.**

waqaf – wieqaf

***Il-wieqaf* ta' mal-ħajt jiġi zijuwi.**

# In-Nom tal-Pazjent

- Dan in-nom juri lil dak li qed jirċievi l-azzjoni.
- Huwa xi ħadd passiv li ma jagħmilx l-azzjoni hu, iżda jġarrabha

Eż. kiteb – miktub (xi ħaġa lesta diġà)

***Il-miktub* mhux mitluf.**

silef - misluf

***Il-misluf* mitluf.**

ħabb – maħbub

***Il-maħbubin* imxew id f'id.**



Sa A. Schembri

# Kif jinkiteb in-Nom tal-Pazjent

- Dan in-nom iġorr ukoll l-għerq tal-kelma li tnissel minnha.
- Karatteristika partikolari f'dan in-nom hija li dan jibda dejjem bl-ittra 'm'.
- Mhuwiex nom mimmat għax fih qiegħed iġorr dejjem idea ta' azzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Eż. | fixel | il-**m**ifxul |
| | gidem | il-**m**igdum |